MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 1183/2002/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Patrick Grixti Soler**

**vs**

**Carmelo Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u wiehed u sebghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1171.22), ammont li hallset wara incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta' Mejju 2000 fi Triq iz-Zejtun, Birzebbugia bejn vettura LAF 591 misjuqa mill-assigurat tas-socjeta attrici u l-vettura DBY 439 misjuqa mill-konvenut.

Ra ir-risposta tal-konvenut (fol. 8) li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident u sahansitra pprezenta kontro-talba li biha qieghed jitlob il-hlas ta' sitt

mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm661.25) ghad-danni sofferti minnu f'dan l-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra.

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fit-8 ta' Mejju 2000 fi Triq iz-Zejtun, Birzebbugia.

2. Il-vetturi nvoluti f'dan l-incident huma LAF 591 misjuqa mill-attur u x-xarabank numru DBY 439 misjuqa mill-konvenut.

3. Il-vetturi kienu t-tnejn li huma qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

4. Ix-xufier tax-xarabank DBY 439 ried jikser ghal gewwa triq [Triq Heraklis] fuq il-lemin tieghu filwaqt li s-sewwieq l-iehor ried jibqa' sejjer fid-dritt.

5. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti dwar il-mod kif sehh dan l-incident. L-assigurat tas-socjeta attrici xehed li huwa kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass fuq ix-xarabank DBY 439 u din qabdet u kisret ghal fuqu. Min-naha l-ohra l-konvenut xehed li kien wieqaf jistenna biex ighaddi t-traffiku li kien gej mill-faccata sabiex ikun jista' jaqsam Triq Zejtun u jikser ghal gewwa t-triq fuq il-lemin tieghu. Hekk kif ra li ma kienux gejjin vetturi mill-faccata, qala' u dak il-hin minn warajh giet il-vettura LAF 591 li pprovat taghmel manuvra ta' sorpass u baqghet diehla fix-xarabank.

6. Ir-responsabbilta ghall-incident trid tigi stabbilita mill-agir taz-zewg sewwieqa u minn ezami dwar jekk dawn osservawx ir-regolamenti tas-sewqan applikabbli ghall-manuvri li kellhom l-intenzjoni li jaghmlu. Fil-kaz tal-konvenut jekk tax pre-avviz, li hu kien obbligat li jaghti,

lit-traffiku li kien gej minn warajh bil-hsieb tieghu li jdur lejn il-lemin biex jidhol fit-triq sekondarja, u jekk hax il-prekawzjonijiet l-ohra li kellu jiehu biex jaghmel din il-manuvra minghajr ebda ostakolu u periklu.

Kif tajjeb ighid l-awtur Buchanan, *Liability in Motor Cases*, pagna 29:- *"in cases of collisions between an overtaking motorist and a right turning motorist being overtaken, it is first necessary to have regard to the duties of the right turning motorist. Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look out in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn"*.

7. Il-konvenut xehed li kien xeghel l-*indicator* sabiex juri li ried jikser ghal fuq il-lemin. Id-dover tal-konvenut kien mhux biss li jaghti sinjal cjar tal-intenzjoni tieghu bl-*indicator*, imma wkoll li jersaq fi zmien utili lejn in-nofs tat-triq u jiehu l-posizzjoni angolata ftit lejn il-lemin, wieqaf jew kwazi wieqaf, skond il-kaz, biex jesplora sewwa t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, kif ukoll dak it-traffiku li jkun gej minn warajh. Ghalkemm il-konvenut xehed li huwa kien diga' wieqaf jistenna li jghaddi t-traffiku gej minn faccata, m'huwiex verosimili li f'dawk ic-cirkostanzi s-sewwieq tal-vettura LAF 591 kien ser jaghmel manuvra ta' sorpass billi jmur kompletament fuq in-naha l-ohra tat-triq. Dan meta l-wisa' tat-triq kienet, fic-cirkostanzi kif iddeskriva l-konvenut, taghtih l-opportunita kollha li jghaddi minn fuq in-naha tax-xellug tax-xarabank. Fatt rikonoxxut mill-konvenut innfisu [fol. 60]. Ta' rilevanza huwa l-fatt li:-

(a) Il-konvenut xehed *“kif ghaddew dawn iz-zewg vetturi jiena ttawwalt fil-mera tal-gemb tieghi, rajt li ma kienux gejjin vetturi minn warajja u qlajt bil-mod”* [fol. 59]. M’huwiex verosimili li hares peress li t-triq li fiha sehh l-incident hija ghad-dritt u l-vizwali m’hijiex ostakolata. Kieku verament hares u l-affarijiet graw kif iddeskriva hu, kien zgur jara l-vettura misjuqa minn Patrick Grixti Soler gejja minn warajh.

(b) Il-hsara fuq ix-xarabank kienet mal-gemb kollu [ara l-okkorrenza li saret mill-pulizija]. Bl-istess mod il-vettura misjuqa minn Patrick Grixti Soler, Pajero, kellha hsara fil-gemb kollu tan-naha tax-xellug [*“all left side of vehicle including the front left indicator”* – okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz]. Bil-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut, m’huwiex verosimili li l-hsara fuq ix-xarabank u l-Pajero kienet ser tkun mal-gemb kollu.

(c) Mill-iskizz a fol. 40 tal-process jidher li fil-bokk tat-triq li ried jidhol fiha l-konvenut hemm **NO ENTRY SIGN** fuq iz-zewg nahat.

(d) It-trajettorja tal-*brake marks* li halliet il-vettura Pajero u l-posizzjoni tax-xarabank kif murija fuq l-iskizz meta paragunati mal-hsarat li garrbu x-xarabank u l-Pajero [il-gemb kollu taz-zewg vetturi], ikomplu jikkonfermaw li l-verzjoni moghtija mill-konvenut m’hijiex affidabbli.

Fid-decizjoni Carmel Camilleri vs Leone Pillow deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Ottubru 1997 intqal li s-surgent li jikkonduci l-investigazzjoni “huwa recorder tal-res gestae u hu fid dover tieghu qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif jirrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta’ l-okkorrenza”. Kif tajjeb osservat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili [Onor. Imhallef P. Sciberras] fil-kawza **Stefan Bonello vs Carmelo Abela** deciza fil-21 ta’ Ottubru 2002, *“dan ifisser illi meta l-iskizz ikun maghmul b’mod professjonali* [kif inhu fil-kaz odjern] *ghandu jittiehed li jaghmel prova ta’ dak li juri”*.

8. It-Tribunal jemmen li l-incident gara bil-mod li ddeskrivih Patrick Grixti Soler fis-sens li meta huwa mar biex jaqbez ix-xarabank, dan kiser il-barra u sar l-incident. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma tax kaz tat-traffiku li seta' kien gej minn warajh u ried johrog fuq il-karreggjata ta' barra sabiex isib postu qabel ma jikser ghal Triq Heraklis. Bil-manuvra li ghamel waqt li kienet qeghda tisorpassah vettura ohra holoq l-emergenza subitaneja lill-assigurat tas-socjeta attrici li quddiem il-perikolu gibed ghal fuq il-karreggjata opposta fit-tentattiv iddisprat tieghu sabiex jipprova jevita l-kollizzjoni.

Ir-responsabbilta qeghda ghalhekk tigi akkollata unikament fuq il-konvenut.

9. B'riferenza ghad-danni, dawn gew sodisfacentement ippruvati u huma fl-ammont ta' elf mija u disgha u erbghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1,149.34) [ara fol. 49 u xhieda moghtija mir-rapprezentant ta' l-Omnibus Pool li xehdet fis-seduta tas-6 ta' Frar 2003]

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u disgha u erbghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1149.34). In kwantu ghal kontro-talba din qeghda tigi michuda ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------